

## Natasha Turner tintervista lil Annalise Falzon, gwida f'dan il-park



Annalise Falzon taħdem bħala gwida partajm fil-Park tal-Majjistral u bħala gwida naturalistika u edukatriċi ambjentali, kif ukoll studenta postgradwata fl-Università ta' Malta. Bdiet bħala attivista fil-qasam tad-drittijiet tal-annimali u l-ambjent meta kellha xi 15-il sena u ilha veġetarjana għal madwar 25 sena. Tippreferi tkun f'ambjenti naturali kemm fix-xogħol kif ukoll fil-ħin liberu tagħha. Tħobb il-mixi u l-osservazzjoni tan-natura u ilha tmexxi mixjiet u attivitajiet edukattivi għal bosta snin.

**X'tista' tgħidilna dwar il-Park tal-Majjistral?**

Il-Park tal-Majjistral jinsab il-Mellieħa u jifrex bejn ir-Ramla tal-Mixquqa (Golden Bay) u l-Prajjet. Il-park twaqqaf fl-2007 u huwa mmexxi mill-Heritage Parks Federation flimkien mal-Majjistral Management Board. Dan stabilixxa li Malta jkollha l-ewwel park naturali nazzjonali miftuħ dejjem u aċċessibbli għall-mixi l-ħin kollu. Sar ħafna xogħol fil-qasam tal-edukazzjoni ambjentali, riċerka dwar il-biodiversità u l-istorja tal-post, restawr tat-Torri Ta' Ciantar u l-'Gunpost' Militari tal-Gwerra, restawr f'Ta' Minzel u l-Girna, korsijiet fir-restawr tal-ħitan tas-sejjieħ, tindif fuq tindif, restawr tal-'barracks' biex proprju ftit ilu nfetaħ iċ-ċentru għall-viżitaturi, b'kollaborazzjoni ma' ħafna entitajiet oħra, kemm bħala attivitajiet edukattivi kif ukoll bħala sors volontarju u opportunitajiet ta' 'teambuilding'.

**X'inhu l-għan tagħkom?**

L-għan tal-Park tal-Majjistral huwa li n-nies jagħrfu l-importanza ekoloġika tal-post u għaliex għandna nħarsu n-natura, li jifhmu l-importanza tal-ispazji għall-beraħ mingħajr żvilupp ta' bini u li nħeġġu ħajja sana u attivitajiet fl-arja aperta. L-impenn huwa biex jinsab bilanċ bejn l-attivitajiet tal-bniedem u l-konservazzjoni tal-wirt tal-post.

**Il-park għandu tliet oqsma prinċipali t'interess:**

- Naturali: diversi ambjenti jinsabu fil-park li jinkludu 430 speċi ta' pjanta differenti, madwar għaxar għasafar li jbejtu u għexieren ta' annimali oħra li jinsabu fl-akkwati b'mod naturali fl-irdumijiet, mal-kosta, fix-xagħri u anke fl-inħawi agrikoli.
- Militari: Parti sew tal-park kellha użu militari għal għexieren ta' snin – fil-fatt, hemm ismijiet bħall-Military Bay u l-Kamp ta' Għajn Tuffieħa. Il-'barracks' kienu r-'rest camp' tal-Ingliżi u kien hemm ix-'shooting ranges'.
- Rurali: għad hemm numru ta' bdiewa li jaħdmu l-art kif ukoll 'farm' organiku. L-aspett agrikolu għadu ħaj u hemm ukoll diversi bdiewa li jifformaw parti minn koperattiva rurali tal-Manikata. In-numru kbir ta' giren u ħitan tas-sejjieħ jixhdu din l-attività.

**Għaliex il-park għandu importanza ekoloġika?**

Il-park iħaddan fih numru ta' speċi u fih biodiversità konsiderevoli. Fil-fatt, l-irdumijiet kienu integrati

# X'joffri l-Park tal-Majjistral



natasha turner
natashavturner@gmail.com

bħala Sit ta' Natura 2000 fin-'network' Ewropew ta' siti protetti. Il-Bajja tal-Mixquqa bir-ramel tagħha huwa skedat għall-importanza ta' dan l-ambjent rarissimu. Hemm diversi 'habitats' bħax-xagħri, l-isteppa, il-makkja, l-irdumijiet, l-għadajjar temporanji tal-ilma ħelu, l-għerien żgħar, il-widien li flimkien joħolqu ambjenti ideali għal numru ta' speċi fosthom l-għasfur nazzjonali, il-merill, il-garnija, u d-durrajsa kif ukoll il-bebbux endemiku, ir-rettili, u 18-il pjanta endemika (tinsab Malta biss jew f'reġjun wieħed biss).

**X'attivitajiet ikunu organizzati mill-park?**

L-attivitajiet fil-park isiru b'mod regolari matul is-sena kollha: fi tmiem il-ġimgħa għall-pubbliku u fost il-ġimgħa għall-istudenti. Minn Ġunju sa Settembru naqilbu iktar fuq tema tal-kosta u baħar minħabba s-sħana u l-mixjiet isiru biss fil-qosor u filgħaxijiet għal inżul ix-xemx. Norganizzaw 'snorkelling' fil-Bajja tal-Mixquqa għal tfal ta' tmien snin 'il fuq u adulti. Minn Ottubru sa Mejju nkomplu bil-mixjiet b'tema naturali jew temi varjati, inkluż dwar saħħa, biedja organika, eċċ.

Ma hemm ebda ħlas biex tidħol għax il-park miftuħ 24 siegħa bil-mixi jew bir-rota però xi attivitajiet ikunu b'donazzjoni jew ħlas biex jinġabru fondi għal skopijiet ta' edukazzjoni fil-park.

**X'inhuma l-isbaħ karatteristiċi meta jagħmlu 'snorkelling'?**

Il-baħar lil hinn mill-park jifforma żona mħarsa (marine protected area) għax hija rikka fil-biodversità. Fuq ir-ramel spiss niltaqgħu mal-garnaw u l-boll li joffru spettaklu li ma tinsa qatt filwaqt li l-inħawi bil-blat huma oażi ta' algi u ħut ta' kull lewn kif ukoll qarnit u morini, granċijiet, sponoż, eċċ. Hemm bżonn biss li wieħed ikun jaf jgħum.



**X'tgħidilna dwar il-biedja organika?**

Fil-park hemm il-Majjistral Ecofarm - inizjattiva personali ta' bidwi li ddeċieda li jaqleb għall-biedja organika u fl-art tiegħu ma juża ebda forma ta' bexx u jżomm kemm jista' maċ-ċikli naturali mingħajr ma jagħmel ħsara.

**Kif inhu r-rispons tan-nies?**

L-attivitajiet iġibu flimkien nies ta' kull età u kultura. Jidher li l-Maltin huma għatxana għal aktar kuntatt man-natura u dejjem jitolbu iktar informazzjoni. It-turisti wkoll ifittxu parks nazzjonali bħal tagħna u bosta studenti barranin jiġu wkoll biex jitgħallmu dwar l-ambjenti naturali Maltin u l-biodiversità jew dwar turiżmu ekoloġiku. Spiss jiġu wkoll eks-suldati Ingliżi li kienu stazzjonati hawn u jkollhom ħafna memorji tal-post.

**Liema huma l-isbaħ esperjenzi għalik f'dawn il-mixjiet?**

Kull mixja li jkolli, speċjalment mat-tfal, hija esperjenza unika. It-tfal jgħallmuk ħafna għax għadhom iktar f'kuntatt man-natura u josservaw ħafna kull dettall.

**Kif jgħinu NGO'S oħra?**

Kull sena nagħmlu mixja b'tema tas-saħħa u fiha jkun hemm esperti jitkellmu fuq il-bżonn tal-eżerċizzju u naraw anke kif nies kbar fl-età jistgħu jagħmlu ftit 'warming up' qabel il-mixja, per eżempju. Niffokaw ukoll fuq il-bżonn tal-mixi u l-beraħ għas-saħħa mentali tagħna lkoll. Ġieli organizzajt ukoll 'yoga' u 'tai chi' fuq il-bajja fi nżul ix-xemx biex wieħed jitgħallem iktar.

**X'tixtieq li tara jseħħ f'dan il-park?**

Nixtieq li l-aċċess bl-addoċċ mill-karozzi u muturi jieqaf minnufih għax qiegħda ssir ħsara rreparabbli fuq il-ħamrija u l-veġetazzjoni. Nixtieq ukoll nara l-ġurnata li fiha tinqata' kull forma ta' kaċċa fil-park kif ukoll jitneħħew dawk l-istrutturi llegali li qed ikerrhu l-post. Nixtieq ukoll li jkun hemm 'rangers' 24 siegħa, idealment li jkollhom kapaċità li jħarrku.

**Għandkom xi proġetti?**

Proġett prinċipali fit-tul huwa li jitranġaw il-'barracks' wara l-vandaliżmu ikrah li sofra dan il-post u jkunu konvertiti f'dormitorji b'faċilitajiet edukattivi u rikreazzjonali. Nixtiequ wkoll li nifthu ċ-ċentru tal-viżitaturi b'mod regolari sebat ijiem fil-ġimgħa.

Għadu kif kellna kompetizzjoni mal-MITA għall-istudenti biex joħolqu App dwar il-Park.

Għal iktar informazzjoni dwar il-park araw: www.majjistral.org jew idħlu fuq il-paġna tal-Facebook 'Il-Majjistral Nature and History Park'. Wieħed jista' jibbukkja attività billi jibgħat imajl fuq walks@majjistral.org.

**Attivitajiet li jmiss:**

15 ta' Ġunju - Id-Dinja tar-Rettili

21 ta' Ġunju - L-itwal ġurnata tas-sajf. Mixja fi nżul ix-xemx u osservazzjoni astronomika.